MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Rikors Numru. 591/2012

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn opponiet ghat-talbiet attrici.

Rat li b'nota tal-14 ta' Marzu 2013 il-konvenuta irtirat l-opposizzjoni taghha ghat-talbiet attrici stante li intlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar il-pretensjoni taghha ghal arretrati ta' manteniment..

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fil-15 ta’ Gunju 1997, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel li ghadu minorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Christine Abela fid-9 ta’ Mejju 2007;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-kwistjoni ta’ bejn il-partijiet fir-rigward tal-manteniment giet transatta fil-mori tal-kawza.

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------